MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 816/2005

**Av Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta PUMA AG Rudolf Dasslet Sport**

**vs**

**Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Lagali Louisa Tufigno li b'digriet tas-26 ta' Settembru 2005 gew nominati kuraturi depuati sabiex jirrappresentaw lil EURL Deguiche Import Export**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:

Illi s-socjeta' attrici hi proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f'Malta bin-numru 13092;

Illi dan l-ahhar l-konvenuti kuraturi dep[uitati nomine ikkontravjenew it-trademark in kwistjoni billi uzaw sinjal identiku mat-trademark ghar-rigward ta’ oggett li huma identici ma’ dawk li dwarhom it-trademark tas-socjeta attrici giet registrata u dan billi gabu f’Malta kwantita ta’ zraben bil-marki ta’ “Puma”;

Illi ghalhekk l-konvenuti kuraturi deputati nomine ikkagunaw danni lis-socjeta attrici;

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda ta’ l-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f’Malta mill-konvenuti kuraturi deputati nomine bil-marka proprieta tas-socjeta attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 ta’ l-Att dwar it-trademarks;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenuti kuraturi deputati nomine jghidu ghaliex din il-Qorti, m’ghandhiex:-

tiddikjara li il-konvenuti kkontravjenew it-trademark jew trademarks proprieta tas-societa attrici u b’hekk ikkagunaw danni lis-societa attrici;

tillikwida d-danni sofferti mis-societa’ attrici minhabba l-agir tal-konvenuti;

tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine dawk id-danni fuq msemmija;

tordna l-qerda tal-oggetti (zraben u accessories) spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f’Malta fil-containers ECMU 9219450 u ECMU 9067790 mill-konvenut bit-trademark/s tas-socjeta’ attrici;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati nomine fejn gie eccepit illi, huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar il’quddiem;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-affidavit tal-attur Dottor Philip Manduca;

Ratl-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta estera attrici tippremetti li hi hi proprjetarja tal-marka “PUMA” registrat f’Malta bin-numru 13091 u tal-marka “CAT” registrat f’Malta bin-numru 13092. Tippremetti ukoll li s-socjeta estera konvenuta ikkontravjeniet l-imsemmija trademarks billi uzat sinjal identiku mal-imsemmija trademarks u dana ghar-rigward ta’ oggetti bhal dawk li dwarhom it-trademarks in kwestjoni gew registyrati u dana billi ngiebu Malta kwantita ta’ zraben bl-imsemmija marki. Is-socjeta attrici ghlkhekk tippretendi li gew kagunati danni lilha u ghalhekk ukoll l-oggetti in kwestjoni ghandhom jigu meqruda skond l-artikolu 15 ta’ l-Att dwar it-Trademarks;

Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li jigi dikjarat li s-socjeta konvenuta estera ikkontravjeniet it-trademark jew trademarks proprieta taghha u b’hekk ikkagunatilha danni. Talbet ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas id-danni hekk likwidati. Finaslment talbet li tigi ordnata l-qerda tal-oggetti (zraben u accessories) in kwestjoni migjuba f’Malta fil-containers ECMU 9219450 u ECMU 9067790;

Il-konvenuti kuraturi deputati minn naha taghhom eccipew li huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk

jirriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar il'quddiem;

Mill-provi jirrizulta li s-societa estera attrici hi proprjetarja tal-marka PUMA registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "CAT" registrat f'Malta 13092. Jirrizulta ukoll li s-socjeta konvenuta estera kkontravjeniet dawn il-marki billi uzat sinjal identiku ghal dawn il-marki u dana ghar-rigward ta' oggetti li dwarhom l-imsemmija marki gew registrati. In effett jirrizulta li s-socjeta konvenuta hi l-"consignee" tal-container ECMU 9219450 u tal-container ECMU 9067790 fejn kienu jinsabu l-imsemmija oggetti. Jirrizulta li dawn l-oggetti kienu effettivament oggetti spaccjati bhala prodotti tas-socjeta attrici protetti bl-imsemmija marki meta fil-fatt ma kinux oggetti genwini prodotti mill-atturi;

Minhabba dawn il-fatti hemm lok li jsir il-qerda ta' l-oggetti in kwestjoni u dana ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 15 ta' l-Att dwar it-Trademarks;

Barra minn hekk is-socjeta attrici tippretendi li minhabba l-imsemmija fatti hi sofriet danni. Filwaqt li ma hemmx dubju li minhabba dawn il-fatti kollha s-socjeta attrici sofriet u ghad tista ssofri danni, dawn l-istess danni pero' ma gewx kwantifikati u ghalhekk ma tistax issir il-likwidazzjoni tal-istess danni;

In vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti bl-eccezzjoni ghat-talba ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni, li kif gia ntqal ma jistghux jigi likwidati. Konsegwentement lanqas ma tista tigi akkolta t-talba ghal kundanna tal-hlas tad-danni likwidati;

Ghal dawn il-motivi:

Tilqa t-talbiet attrici skond kif indikat fil-korp ta' din is-sentenza u tiddikjara li soscjeta estera konvenuta kkontravjeniet it-trademark jew trademarks proprieta tas-societa attrici u b'hekk ikkagunatilha danni u tordna l-qerda tal-oggetti (zraben u accessories) spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f'Malta fil-containers ECMU

9219450 u ECMU 9067790 mill-konvenut bit-trademark/s tas-socjeta' attrici;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------